19.10.2009

B7-0090/2009 }
B7-0092/2009 }
B7-0093/2009 }
B7-0094/2009 } RC1/Am. 1

**Emenda 1**
**Manfred Weber, Simon Busuttil, Sabine Verheyen, Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
Libertà ta' informazzjoni fl-Italja u fl-UE

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**Premessa CE a (ġdida)**

| *Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Ca. billi jqajjem tħassib għal-libertà tal-mezzi ta' informazzjoni anki l-fatt li l-Partit Soċjaldemokratiku Ġermaniż għandu sehem, u f'xi każijiet sehem ta' maġġoranza, f'numru kbir ta' impriżi medjatiċi li, eż. fis-settur tal-gazzetti, ikopru żoni mdaqqsa tal-Ġermanja,*** |

Or. en

19.10.2009

B7-0090/2009 }
B7-0092/2009 }
B7-0093/2009 }
B7-0094/2009 } RC1/Am. 2

**Emenda 2**
**Manfred Weber, Simon Busuttil, Carlos Coelho, Mário David**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
Libertà ta' informazzjoni fl-Italja u fl-UE

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**Premessa B a (ġdida)**

| *Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Ba. billi hemm sospetti serji ta' ndħil min-naħa tal-Prim Ministru u tal-Partit Soċjalista Portugiż fil-linji editorjali ta' gazzetti u ta' xandara televiżivi (eż. il-kanċellazzjoni tal-aħbarijiet nazzjonali l-aktar popolari, il-'Jornal Nacional', ftit jiem qabel l-elezzjonijiet leġiżlattivi) u ngħata bidu għal azzjoni legali fil-konfront tal-ġurnalisti li għandhom opinjonijiet kritiċi fil-rigward tal-gvern,*** |

Or. en

19.10.2009 B7-0090/2009 }
B7-0092/2009 }
B7-0093/2009 }
B7-0094/2009 } RC1/Am. 3

**Emenda 3**
**Manfred Weber, Simon Busuttil, Sabine Verheyen, Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
Libertà ta' informazzjoni fl-Italja u fl-UE

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**Premessa B b (ġdida)**

| *Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***Bb. billi dawn id-drittijiet jinkludu l-libertà ta' opinjoni u l-libertà li tirċievi jew tagħti informazzjoni mingħajr indħil jew pressjonijiet min-naħa tal-awtoritajiet pubbliċi jew minn gruppi jew partiti politiċi,*** |

Or. en

19.10.2009

B7-0090/2009 }
B7-0092/2009 }
B7-0093/2009 }
B7-0094/2009 } RC1/Am. 4

**Emenda 4**
**Manfred Weber, Simon Busuttil, Kinga Gál**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**S&D, ALDE, Verts/ALE, GUE/NGL**
Libertà ta' informazzjoni fl-Italja u fl-UE

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**Premessa D a (ġdida)**

| *Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Da. billi, biex jiġu eżerċitati pressjonijiet politiċi fuq il-ġurnalisti li kixfu każijiet ta' korruzzjoni marbuta ma' uffiċjali ta' livell għoli u esponenti tal-partit fil-gvern, fl-Ungerija l-awtoritajiet governattivi dan l-aħħar ħadu inizjattivi biex jagħtu bidu għal azzjonijiet kriminali fil-konfront ta' dawn il-membri tal-midja; billi dan irriżulta f'influwenza tal-politika fuq il-kuntest medjatiku Ungeriż,*** |

Or. en

19.10.2009

B7-0090/2009 }
B7-0092/2009 }
B7-0093/2009 }
B7-0094/2009 } RC1/Am. 5

**Emenda 5**
**Manfred Weber, Simon Busuttil, Sabine Verheyen, Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
Libertà ta' informazzjoni fl-Ewropa

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 1**

| *Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jinsab konvint li l-libertà li tirċievi u tikkomunika informazzjoni mingħajr interferenza mill-awtoritajiet pubbliċi hi prinċipju fundamentali li fuqu hi bbażata l-Unjoni Ewropea u hu element essenzjali tad-demokrazija, bħal ma hu l-pluraliżmu fix-xandir, it-tnejn li huma jinsabu fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; ***itenni li l-Unjoni Ewropea għandha obbligu politiku u legali lejn iċ-ċittadini tagħha li tiżgura – fl-oqsma tal-kompetenza tagħha – li dawn id-drittijiet ikunu rispettati;*** | 1. Jinsab konvint li l-libertà li tirċievi u tikkomunika informazzjoni mingħajr interferenza mill-awtoritajiet pubbliċi u ***mill-partiti politiċi*** hi prinċipju fundamentali li fuqu hi bbażata l-Unjoni Ewropea u hu element essenzjali tad-demokrazija, bħal ma hu l-pluraliżmu fix-xandir, it-tnejn li huma jinsabu fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali; ***iqis li, biex tiġi garantita stampa ħielsa fi kwalunkwe pajjiż, huwa meħtieġ li l-mezzi ta' informazzjoni jissorveljaw lill-partiti u lill-gruppi politiċi, u mhux bil-maqlub; iqis ukoll li l-libertà editorjali u organizzattiva tal-impriżi medjatiċi ma għandhiex tkun limitata biex timponi ċerti pożizzjonijiet politiċi;*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Manfred Weber, Simon Busuttil, Sabine Verheyen, Axel Voss**
f'isem il-Grupp PPE

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**S&D, ALDE, GUE/NGL, Verts/ALE**
Libertà ta' informazzjoni fl-Ewropa

**Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni**
**Paragrafu 4 a (ġdid)**

| *Mozzjoni konġunta għal riżoluzzjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jerġa' jafferma li hemm il-ħtieġa urġenti li l-Kummissjoni timplimenta sew il-qafas ġuridiku Komunitarju fis-seħħ fil-qasam tas-suq intern, politika awdjoviżiva, liġi tal-kompetizzjoni, telekomunikazzjonijiet, għajnuniet mill-Istat, obbligi ta' servizz pubbliku u drittijiet fundamentali taċ-ċittadini, bil-għan li jiġi żgurat li l-Istati Membri jirrispettaw, jiggarantixxu u jippromwovu l-libertà ta' informazzjoni u livell xieraq ta' pluraliżmu tal-midja; jikkonferma l-pożizzjoni tiegħu, skont liema l-qafas leġiżlattiv Komunitarju fis-seħħ fil-qasam tal-pluraliżmu u konċentrazzjoni tal-midja hija suffiċjenti għal dawn l-iskopijiet;*** |

Or. en